MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## NOEL CUSCHIERI

Seduta tat-2 ta' Frar, 2010

Citazzjoni Numru. 150/2008

**AB bhala kuratrici ‘ad litem’**
**taz-zewg uliedha minuri C u D, tewmin B**
**vs**
**E F, u d-Direttur tar-Registru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attrici ppremettiet u talbet hekk:

Illi l-esponenti kellha relazzjoni ma’ l-intimat E F li minnha twieldu z-zewg ulied C u D ahwa tewmin B fil-21 ta’ Gunju 2006;

Illi b’ dan kollu l-intimat qed jichad li jaghraf lill-minuri B bhala wliedu u qed jonqos li jhallas l-alimenti dovuti ghalkemm interpellat jaghmel hekk;

Ghaldaqshekk l-esponenti titlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha:

1. Tiddikjara li l-minuri C u D ahwa tewmin B huma ulied naturali ta’ l-intimat E F;

2. Tiffissa retta alimentari xierqa ghaz-zewg minuri C u D ahwa tewmin B;

3. Tikkundanna lill-intimat E F jhallas ir-retta alimentari hekk iffissata, u dan sa mill-jum tat-twelid taghhom;

4. Tordna tiswija fl-att tat-twelid rispettiv ta’ kkull wiehed mill-minuri C u D ahwa tewmin B – 2031/2006 u 2032/2006 rispettivament – billi minflok il-kliem “unknown father” fil-kolonna ‘isem u kunjom missier it-tarbija’ jitnizzlu isem u kunjom l-intimat ‘E F’ minbarra kull taghrif iehor talvolta mehtieg mill-intimat l-iehor, id-Direttur tar-Registru Pubbliku.

Bl-ispejjez kontra l-intimati, imharrka minn issa in subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut E F li biha eccepixxa:

1. Illi, in linea preliminari, il-konvenut jirrileva illi t-tieni u t-tielet talba attrici huma intempestivi stante illi t-talbiet huma ghall-ghoti ta’ manteniment. Dawn it-talbiet saru qabel ma giet imsejha il-Qorti tal-Familja sabiex issir il-procedura tassattiva tal-medjazzjoni skond il-ligi. Ghaldaqstant dawn it-talbiet huma intempestivi u nieqsa mir-rekwiziti tal-ligi;

2. Illi in oltre u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-azzjoni hi guridikament inammissibbli stante illi sabiex jigu raggunti t-talbiet attrici ma setghu qatt isiru f’ azzjoni wahda;

3. Illi fil-mertu, l-konvenut qed jikkontesta l-ewwel talba u dana stante illi ghandu dubji serji kemm hu effettivament il-missier naturali ta’ C u D ahwa tewmin B u dana peress

illi l-attrici kellha diversi relazzjonijiet ma’ rgiel differenti fl-istess perjodu ta’ zmien;

4. Illi ghar-rigward tar-raba’ talba l-konvenut ghandu riservi stante illi jezistu dubji reali dwar il-paternita’ tal-minuri in kwistjoni.

Rat ir-risposta guramentata tad-Direttur tar-Registru Pubbliku li biha eccepixxa:

1. Illi preliminarjament fil-mertu l-esponent mhux edott mill-fatti kif allegati fir-rikors guramentat u ghalhekk jirrimetti ruhu ghall-provi dwar it-talbiet, inkluz dawk it-testijiet xjentifici necessarji, ghal gudizzju ta’ din l-Onorabbli Qorti.

2. Illi l-esponent mhux il-legittimu kontradittur fir-rigward tat-tieni u tat-tielet talba dedotta fir-rikors guramentat;

3. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, jehtieg illi r-rikorrenti tispecifika d-dettalji personali kollha ta’ l-allegat missier naturali l-intimat E F sabiex jekk it-talbiet jintlaqghu, dawn id-dettalji jkunu jistghu jigu inseriti fl-Att tat-Twelid tal-minuri in kwistjoni.

4. Illi minghajr pregudizzju wkoll, jekk it-talbiet tar-rikorrenti jintlaqghu l-kunjom tal-minuri ghandu jigi korrett;

5. Illi ghandha ssir id-debita pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern ai termini ta’ l-Artikolu 254 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta.

6. Illi fi kwalunkwe kaz it-tibdil rikjest fl-Att tat-Twelid mhuwiex attribwibbli ghal xi nuqqas ta’ l-intimat li ghaldaqstant m’ghandux jigi soggett ghall-ispejjez ta’ l-istanti.

Rat l-Avviz mahrug fil-Gazzetta tal-Gvern;

Rat id-digriet moghti fl-4 ta’ Jannar 2010, li permezz tieghu din il-Qorti nnominat lill-Ispizjara Dottoressa Marisa

Cassar sabiex din, wara li tiehu l-kampjuni minn fuq il-persuna tal-persuni koncernati, inkluzi l-minuri, tghaddi sabiex taghmel it-testijiet xjentifici tad-DNA;

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluzi l-affidavits prezentati;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Ikkunsidrat;

**L-Azzjoni**
Illi permezz ta' l-azzjoni odjerna l-attrici qeda, titlob minn din il-Qorti, dikjarazzjoni gudizzjali fis-sens li z-zewg uliedha tewmin, C u D, li twieldu fil-21 ta' Gunju 2006 u li fuq l-att tat-twelid rispettiv taghhom bin-numri 2031/06 u 2032/06 jinsabu registrati bhala ulied ta' missier mhux maghruf, dawn it-tewmin fil-fatt huma l-ulied naturali u bijologici tal-konvenut E F, u wkoll qed titlob li jsiru id-debiti korrezzjonijiet fl-atti tat-twelid fuq indikati. Fit-tieni lok, l-attrici qed titlob li l-istess konvenut E F jigi ordnat ihallas retta alimentarja bhala manteniment ghaz-zewg minuri, fl-ammont li ghandu jigi ffissat minn din il-Qorti.

Minn naha tieghu l-konvenut E F, wara li ssolleva zewg eccezzjonijiet ta' natura procedurali, jeccepixxi fil-meritu fis-sens li hu ghandu "dubji serji" dwar kemm hu fil-fatt il-missier bijologiku taz-zewgt itfal, "u dan peress li l-attrici kellha diversi relazzjonijiet ma' irgiel differenti fl-istess perijodu ta' zmien." [fol.17]

Illi permezz ta' digriet moghti fit-8 ta' Gunju 2008, din il-Qorti ordnat l-inverzjoni tal-provi, fuq talba ta' l-attrici mhux opposta mill-konvenut E F, in vista ta' l-exceptio plurium concubentium sollevata mill-istess konvenut li fir-risposta tieghu, filwaqt li ddikjara li ma kellux oppozizzjoni ghat-talba ddikjara "illi huwa dispost li jibda bl-affidavits tieghu, u jitlob illi, sussegwentement jigi awtorizzat li jsiru t-testijiet necessarji." [fol.32].

Illi sussegwentement il-konvenut ipprezenta l-affidavit tieghu, u l-Qorti, f' seduta appozita semghet ix-xhieda tieghu u ta' l-attrici. La l-konvenut u lanqas l-attrici ma

resqux provi ulterjuri. Lanqas saru t-testijiet xjentifici, ghax nonostante li l-konvenut kien, talab u ddikjara l-kunsens tieghu sabiex isiru t-testijiet tad-DNA huwa naqas li jersaq ghat-tehid tal-kampjuni sabiex ikunu jistghu jsiru dawn it-testijiet. Fl-ahhar seduta l-espert gudizzjarju Dr.Marisa Cassar, ikkonfermat li l-konvenut E F kien naqas li jersaq ghat-tehid tal-kampjuni.

**Il-Fatti**

Illi mill-provi rrizulta li l-attrici kellha relazzjoni mal-konvenut E F, li damet sejra sa ftit qabel ma skopriet li kienet tqila. Wara li kienet intemmet ir-relazzjoni ta' bejniethom, l-attrici kienet regghet bdiet tohrog mal-habib precedent taghha. Fil-21 ta' Gunju 2006 twieldu t-tewmin C u D, li kienu gew registrati mill-attrici bhala ulied ta' missier mhux maghruf.

Illi l-verzjonijiet tal-partijiet jikkontrastaw f' aspetti fattwali li huma determinanti ghall-vertenza in dizamina.

*Verzjoni Konvenut*

Illi fl-affidavit tieghu l-konvenut jghid li, qabel it-twelid tat-tfal, hu kellu relazzjoni ma' l-attrici li damet "xi sitt xhur", u jallega li hi ma kinitx tohrog mieghu "b' mod esklussiv". Fl-ahhar gimgha tar-relazzjoni, l-attrici kienet qaltlu li kienet harget tqila, u wara fit hija regghet bdiet tohrog mas-sieheb precedenti taghha. Il-konvenut jghid li d-dubji serji tieghu kemm dawn it-tfal huma fil-fatt wild naturali tieghu, joriginaw mill-fatt allegat minnu li l-attrici "kien ikollha relazzjonijiet sesswali ma' guvintur ohra meta kien ikollha relazzjonijiet sesswali mieghi."

Fix-xhieda tieghu jispjega li hu kien dam johrog ma' l-attrici "xi sena" u li matul dan il-perijodu huma kienu jaghmlu l-att taz-zwieg minghajr prekawzjonijiet artificjali, izda billi hu kien jirtira minn fuqha qabel ma' jegekula. Jghid li l-att taz-zwieg bejniethom kwazi dejjem hekk sar, izda "nahseb li darba, iva, jista' jkun" li baqa' ghaddej. L-ahhar li kellhom x' jaqsmu flimkien kien xi gimgha qabel ma' l-attrici tterminat ir-relazzjoni. Hu jghid li, fl-ahhar gurnata tar-relazzjoni, l-attrici kienet baghtitlu messaggi fis-sens ta' "tini l-flus ha naghmel abort, u dawk l-affarijiet".

Wara ftit hija kienet regghet bdiet tohrog ma’ l-gharus precedent taghha.

Fuq mistoqsija, jghid li meta huma kienu qeghdin johorgu flimkien, “minn warajja ma nafx jekk kinitx ma’ xi haddiehor.” Izda fuq mistoqsisjiet ulterjuri, jghid li huwa kien jaf li meta kienet mieghu hija kienet baqghet tohrog mas-sieheb li kellha qabel. [Fol.44 et seq.]

*Verzjoni Attrici*
L-attrici tghid li r-relazzjoni bejniethom bdiet fis-sena 2002 u spiccat fis-sena 2005; “x’ hin ghidtlu li jiena pregnant tlaqt.” Tghid li, matul ir-relazzjoni, l-att taz-zwieg shih u bla prekawzzjoni “sar hafna drabi.” Hija tichad li l-konvenut kien jirtira minn fuqha qabel ma’ jegekola u tghid li kien “jibqa’ ghaddej ghax hu dejjem ried it-tfal minni, biex izommni biex nibqa’ mieghu.” Hija tichad li mis-sena 2003 sa kemm twieldu t-tewmien kellha relazzjonijiet intimi ma haddiehor, izda wara li twieldu, hija kienet regghet bdiet tohrog mas-sieheb precedent taghha.

L-attrici tghid li, meta twieldu t-tfal, kemm il-konvenut kif ukoll il-familjari tieghu kienu jmorru ghandha biex jarawhom u kienu jixtrulhom l-affarijiet. Tghid ukoll li, meta twieldu t-tfal, kien hemm zmien meta hija kienet regghet irrangat mal-konvenut.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**
Illi l-linja difensjonali tal-konvenut E F hi fis-sens li hemm dubji serji kemm hu verament il-missier bijologiku tat-tewmin, u dana minhabba l-fatt allegat minnu li r-relazzjoni taghhom ma kinitx wahda esklussiva peress li l-attrici kien ikollha relazzjonijiet sesswali ma’ rgiel ohra.

Il-Qorti tosserva li kien l-oneru ta’ l-istess konvenut li jipprova dak allegat minnu, u cioe’ li l-attrici kienet infidila lejh anke matul ir-relazzjoni taghhom; izda huwa ma gabx provi, ghajr l-affidavit u x-xhieda tieghu; u l-qorti tosserva li hemm certu nkonsistenza kemm fl-affidavit tieghu, kif ukoll fix-xhieda tieghu, ghax, filwaqt li fir-risposta guramentata tieghu, u fl-affidavit tieghu huwa jasserixxi dan il-fatt bhala wiehed kategoriku, izda fl-ewwel parti tax-

xhieda tieghu jidher li hu kien piuttost dubjuz dwar dan il-fatt. Hekk jghid, fuq mistoqisja jekk l-attrici kinitx ma' xi haddiehor waqt li l-partijiet kienu qed jiddejtjaw u johorgu flimkien, "u minn warajja, ma nafx jekk kinitx ma' xi haddiehor." Izda aktar il-quddiem fix-xhieda tieghu jasserixxi li meta hu kien ma' l-attrici dina kienet qeda wkoll mal-gharus precedent taghha.

Din l-inkonsistenza, li turi certu ncertezza da parti ta' l-istess konvenut E F, dwar il-fatt allegat minnu, kemm fir-risposta guramentata tieghu, kif ukoll fl-affidavit tieghu, ikkunsidrata wkoll fid-dawl tal-fatt li dan il-konvenut ma gabx provi ulterjuri in sostenn ta' din l-allegazzjoni, bhal per ezempju, il-produzzjoni bhala xhud tas-sieheb precedent ta' l-attrici, izda strah fuq l-allegazzjoni nuda u cruda tieghu, iddghajjef serjament it-tezi tieghu li matul ir-relazzjoni tieghu ma' l-attrici dina kien qed ikollha relazzjonijiet sesswali ma' haddiehor ukoll; u anke, jekk dato non concesso dan kien minnu, kellu mbaghad jigi nvestit il-punt jekk dawn ir-relazzjonijiet intimi paralleli ma' tieghu kienux miftuhin ghat-tfal.

Inoltre, gie ammess mill-istess konvenut li kien hemm, almenu okkazzjoni wahda, vicin it-terminazzjoni tar-relazzjoni taghhom, u allura vicin it-tqala, fejn l-att taz-zwieg kien sar shih, fis-sens li hu naqas li jirtira hekk kif kien qed jegekula. Dan jkompli jikkonforta t-tezi li t-tewmin huma tieghu.

Inoltre, mill-atti processwali jirrizulta car li, ghalkemm dan il-konvenut kien iddikjara li kien lest li jmur ghat-tehid tal-kampjuni sabiex ikunu jistghu jsiru t-testijiet genitici tad-DNA, huwa naqas li jattendi ghal dan, nonostante li kien inghata diversi opportunitajiet minn din il-Qorti biex jaghmel dan, izda, anke meta l-Qorti eventwalment innominat espert gudizzjarju ghal dan il-ghan, l-espert ikkonferma li l-konvenut rega' naqas milli jattendi ghat-tehid tal-kampjuni. Dan il-fatt, ghandu, fic-cirkostanzi, jattira l-inferenza negattiva, fit-termini ta' l-artikolu 100A b' referenza ghall-artikolu 70[3] tal-Kap.16 fil-konfront tal-konvenut, fis-sens li dan mhuwiex daqshekk konvint mill-fatt allegat minnu, izda mhux provat, li matul ir-relazzjoni

tieghu ma’ l-attrici dina kien qed ikollha relazzjonijiet intimi ma’ haddiehor ukoll.

Ferm il-premess, il-Qorti hija tal-fehema li l-attrici rnexxielha tipprova sodisfacentement li matul ir-relazzjoni li hi kellha mal-konvenut E F, u li giet terminata meta din skopriet li kienet harget tqila, hija kellha relazzjonijiet sesswali ntimi u eskluzzivi mal-konvenut u li kienu miftuhin ghall-prokreazzjoni. Fi kliem iehor, dawn it-tewmin ma setghux kienu ta’ ragel iehor, ghajr tal-konvenut E F.

Ghaldaqstant it-talbiet numri [1] u [4] huma gustifikati fil-fatt u fid-dritt u jimmeritaw li jigu milqugha.

Illi rigward l-ewwel u t-tieni eccezzjonijiet sollevati mill-konvenut E F, il-Qorti tosserva li, ghalkemm huwa minnu li t-talbiet dwar il-manteniment huma ntempestivi, stante li dawn huma preordinati ghad-dikjarazzjoni tal-paternita’ u ghall-procedura tal-medjazzjoni, izda l-konvenut ma specifikax ghaliex “l-azzjoni hi guridikament inammissibbli, stante li sabiex jigu raggjunti t-talbiet attrici ma setghu qatt isiru f’ azzjoni wahda.” [fol.17]. Il-Qorti tosserva li ma hemm ebda konflitt bejn it-talba ghad-dikjarazzjoni ta’ paternita’ u dik konsegwenzjali ghall-hlas ta’ manteniment da parti tal-missier ghal wild dikjarat bhala l-wild bijologiku tieghu.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi dwar l-ewwel u r-raba’ talba billi tilqa’ l-istess, u tiddikjara li t-tewmin C u D, ahwa B li twieldu mill-attrici fil-21 ta’ Gunju 2006, huma l-wild naturali u bijologiku tal-konvenut E F; u tordna l-korrezzjonijiet konsegwenzjali fl-atti tat-twelid fuq indikati billi, il-kliem “missier mhux maghruf” jigu sostitwiti bl-isem ta’ l-istess konvenut E F u l-konnotati tieghu, u korrezzjonijiet ohra, inkluza dik relattivi ghall-kunjom tal-minuri.

Rigward it-talbiet numri tnejn [2] u tlieta [3] il-Qorti, filwaqt li tichad it-tielet eccezzjoni tal-konvenut E F, tordna li l-partijiet isegwu l-procedura tal-medjazzjoni kontemplata fl-

Avviz Legali 397/2003; u ghalhekk, tiddifferixxi l-istess ghall-informazzjoni ulterjuri.

L-ispejjez ta' dan il-gudizzju jkunu a kariku tal-konvenut E F.

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------